# MALTA

## TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tas-07 t' April, 2016.

Talba Numru: 465/2013AM3

Numru fuq il-Lista: 39

**Untours Insurance Agents Limited (C5655) ta' Workers Memorial Buildings, South Street, Valletta, f'isimhom proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' assikurattrici estera Qatar Insurance Company (QIC) International LLC. kif surrogata fi drittijiet tal-assikurat taghha Paul Saliba detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 691436 (M)**

**U**

**Paul Saliba detentur tal-karta tal-identita' 691436(M)**

**Vs**

**Korporazzjoni ta' Xoghol u Tahrig**
**U**
**GasanMamo Insurance Limited (C3143) ta' Msida Road, Gzira kif surrogat fi drittijiet tal-assikurat taghha l-Korporazzjoni ta' Xoghol u Tahrig li b'digriet tat-Tribunal moghti nhar it-Tnejn, 11 ta' Novembru, 2013 il-kliem 'kif surrogat fid-drittijiet tal-assikurat taghha l-Korporazzjoni ta' Xoghol u Tahrig' jigu kancellati**

It-Tribunal,

Ra t-talba tal-atturi tal-05 t' Awwissu, 2013 li permezz taghha tali li l-konvenuti jigu kkundanni jhallsu ghad-danni kagunati mill-vettura JBJ026 proprjeta` tal-Korporazzjoni ta' Xoghol u Tahrig u assikurata minn GasanMamo Insurance Limited (C3243) liema danni gew kawzati minn nirien illi hargu mill-vettura JBJ 026 u rrizulta fi hsarat mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAL342 proprjeta` tal-attur Paul Saliba u assikurata mis-Socjeta' attrici Untours Insurance Agents Ltd. Il-konvenuti nterpellat sabiex ihallsu diversi drabi baqghu inadempjenti. Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali datata 21 ta' Mejju 2013 u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti illi minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepew dan li gej:

Illi preliminarjament l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal sabiex jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz, rationae materiae u dana stante li si tratta dwar incident li jinvolvi l-vetturi u li allura jinkwadra ruhu bhala tilwima li trid tigi determinata permezz t' arbitragg ai termini tar-Raba Skeda tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta; illi wkoll in linea preliminari, hemm lok ghal korrezzjoni fl-okkju ta' din l-kawza u dana stante li s-Socjeta` ntimata GasanMamo Insurance Limited qatt ma giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha l-Korporazzjoni ntimata u kwindi u sakemm issir tali korrezzjoni l-kawza hija nulla u bla effett fil-konfront taghha u ghandha ghalhekk tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

Illi dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti saret il-korrezjoni mitluba.

Illi fil-merti u minghajr pregudizju ghal premess it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti u dana stante li l-incident in kwistjoni ma sehhx b'xi tort tal-intimata, izda minhabba ragunijet purament accidentali hekk kif jirrizulta mill-process verbal anness u markat bhala Dok GMI1 – u ghalhekk u fin-nuqqas ta' prova ta' xi ghemil negligenti jew doluz da parti tal-intimati ghandu japplika l-Art. 1029 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi subordinatament ghat-tielet eccezzjoni, ghandha ssir l-prova tad-danni verament subiti mir-rikorrenti in segwitu ta' dan l-incident;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-kaz u kif permess mil-ligi.

Illi a fol 27 dan it-Tribunal ddecieda fil-21 ta' Jannar, 2014 billi cahad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut dwar in-nuqqas ta' kompetenza tieghu ratione materie sabiex jaqta` u jiddeciedi din l-kawza u ordna l-prosegwiment tas-smigh tal-kawza fuq il-mertu. Vera kopja tal-istess hija esebita fol 57 et.

Ra r-rapport tal-inkjesta ezebit a fol 8 et tal-process li permezz taghha l-Espert mahtur mill-Magistrat tal-Ghassa il-Professur Alfred Vella kkonkluda li l-kawza tal-hruq tal-karozza Citroen JBJ 026 kien ta' natura accidentali u l-Magistrat tal-Ghassa qablet mal-konkluzjonijiet tal-Espert.

Ra d-dokumenti kollha prezentati mill-partijiet.

Ra x-xhieda ta' Dustan Camilleri (fol 43 et) Legal and Recovery Officer fi hdan is-Socjeta` attrici li xehed li Paul Saliba kellu polza tal-assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* fuq l-vettura in kwistjoni u li gew zborzati a favur l-assigrat tas-Socjeta` attrici tmien mitt ewro (€800) u qed jintalbu l-excess li thallas mill-assigurat tal-istess Socjeta` attrici fl-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin ewro (€232) kif ukoll l-ammont ta' tlieta u tletin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€33.78c) li jirrapprezentaw nofs l-ispiza sabiex wiehed jottjeni kopja tal-process verbal relattiv ghall-incident in kwisjtoni. Xehed li n-nofs l-iehor kien thallas minn Fogg Insurance.

Ra x-xhieda ta' Paul Saliba (fol 45 et) proprjetarju tal-vettura bin-numru ta' registazzjoni AAL-342 tal-ghamla Daewoo u spjega kif gara l-incident. Kien rieqed meta habtulu l-bieb tad-dar tieghu u meta hareg ra l-karozza li kienet pparkjata fi triq l-Ghaqda Hal Qormi u mhux quddiem id-dar tieghu fi Triq Anici Qormi meta kienet hadet in-nar. Il-vettura sewwiha u l-hlas sar mill-assigurazzjoni u kien irceva tmien mitt ewro (€800) sabiex jaghmel t-tiswijiet. Xehed li hareg ukoll mitejn ewro (€200) excess li hallas meta ghamel l-claim mal-assigurazzjoni.

Ra x-xhieda ta' Malcolm Bonnici (fol 55) li kkonferma li d-dokument a fol 39 thejja minnu fuq inkarigu tal-Untours Insurance u fih rrakomanda li jsir xi xoghol ta' panel beating, spray painting u anke li jinbidlu xi parts u x-xoghol li sar jaqbel mas-suggerimenti tieghu ta' tiswija li ghamel bhala surveyor. Kien sar cash payment ta' disa mitt ewro (€900) stante li l-vettura kienet *beyond the economical repair*. Irrizultalu li t-tiswija ma kienetx saret ta' din l-vettura.

Ra x-xhieda ta' Vincent Azzopardi mil-Korporazzjoni ta' Xoghol u Tahrig (fol 67 et) li kkonferma li kien jaghmel servizzi tal-vettura JBJ 062 li huwa pparkja fi Triq l-Ghaqda li tigi vicin Triq Anici, Hal Qormi u meta xi t-tlieta ta' filghodu (am) sema` l-ghajjat fit-triq hareg u sab din l-vettur kienet hadet in-nar. A fol 104 in kontro-ezami Azzopardi meta mistoqsi dwar is-service tal-karozza wiegeb li huwa kien jiehu hsieb li jsirilha s-service u li l-vettura kien bazikament isuqha hu biss u li ghand xi mechanic qatt ma hadha.

A fol 72 xehed l-Professur Alfred Vella u kkonfemra fol 59 et bhala l-konkluzjonijiet tieghu li ghamel fl-inkjesta u li l-kawza tan-nirien kien 'fault' elettriku u dan irrizultalu minn kif gew ridottu certu wirings tal-vettura Citroen u anke in bazi ta' nformazzjoni li huwa nghata minn xhieda li sema` dak inhar stess tal-incident. Mistoqsi kienetx doluza

jew accidentali il-Profs Vella wiegeb li l-kawza primarja ta' dawn in-nirien kien minhabba kawza elettrika u allura dan jindika li kienet raguni accidentali. Huwa prezenta r-relazzjoni tieghu Dok AV1 fol 74 et.

In kontro-ezami a fol 97 et il-Profs Vella spjega li l-cable kien maqtugh jigifieri 'severed ' u l-fibri li jikkostitwixxu l-cable t-trufijiet taghhom ikunu forma ta' zibga ghalhekk 'beaded', iffurmat minn tishin gholi li wiehed jinterpreta bhala probabbilment kawzi ta' tishin intern. Huwa kompla li faults elettrici generalment isiru meta jinholoq kondott mit-12 volt terminal ghal-batterija ghal earth. Issa f'kaz ta' vettura l-earth huwa c-chassis kollu tal-vettura u li jekk ikun hemm kondott li mhux suppost qieghed hemm ghax il-kurrenti suppost jghaddu jigifieri minn gol-wires li huma dizinjati ghalihom imma f'dan l-kaz ikollok dan l-kuntatt li sar bejn cable difettuz u x-chassis jew parti minnu *through that point* jghaddi current gholi 'jignajtja' l-insulation. Xehed li dawn l-affarijiet jigru ghaliex l-karozza mill-*wear and tear* jista jiziluppawlha dawn it-tip ta' problemi. Mistoqsi jekk ikunx hemm aktar possibilita` gholja li jekk ma tmantniex l-karozza sew ha jigri dak li gara, x-xhud wiegeb li ma ghandux evidenza biex jghid li jigri dan anzi jkun pruzuntuz.

A fol 103 l-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi xi jressqu.

Saret it-trattazzjoni bl-Avukati tal-partijiet.

It-Tribunal,

Ikkonsidra li l-hruq fil-vettura JBJ 026 proprjeta` tal-Korporazzjoni ntimata u li gara fit-18 ta' Lulju, 2012 kkawza hsarat fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAL 343 proprjeta` tal-attur Paul Saliba u assikurata mis-Socjeta` attrici Untours Insurance Agents Limited.

Ikkonsidra wkoll li l-espert imqabbad fl-inkjesta Magisterjali l-Professur Alfred Vella spjega li dan in-nar gie kkawzat minn short circuit li ma hija attribwibbli ghal ebda negligenza da parti tal-Korporazzjoni konvenuta.

**Ikkunsidra**

Illi l-atturi fit-trattazzjoni finali jikkontendu li dan gie kkawzat min-nuqqas da parti tal-Korporazzjoni ntimata ghax ma ghamlux servicing tajjeb tal-vettura li hadet in-nar

Illi l-konvenuti jikkontendu fir-risposta taghhom u fit-trattazzjoni finali li huma ma ghandhom jaghtu xejn ghax l-incident ma sehhx b'xi tort tal-intimati izda ghal ragunijiet purament accidentali u li ma ghandux ibaghti spejjez u jaghmel referenza ghall-artiklu 1029 tal-Kap 16.

Kif kostantement ritenut mill-Qrati taghna, l-kaz fortuwitu hu dak l-avveniment li ma setax ikun prevedut minn persuna ta' diligenza ordinarja (**Vol XXX.1.869)** u biex ikun hemm dan l-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment in solitu izda jinhtieg li dan ikun inevitabbli b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja (**Vol XXXV.11.637)** u di piu l-prova tal-fortuwita jew tal-kawza estranea tinkombi fuq l-konvenut li jissollevaha bhala difiza skagonattrici (**Vol XXX1.1.467**).
Kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Muscat et vs Carmelo Agius Qorti tal-Appell 14.1.1939**: "…biex iwaqqa l-presunzjoni tal-htija l-konvenut ghandu jipprova l-konkors ta' zewg cirkostanzi: (i) l-accident jew l-fortuwitu bhala l-kawza tal-hsara; u (ii) n-nuqqas ta' htija da parti tieghu bhala kawza medjata u mmedjata tal-hsarat.

Illi mill-provi jirrizulta sodisfacentement li l-origini tan-nar kien wiehed fortuwitu u dan mix-xhieda u r-rapport tal-Espert il-Professur Alfred Vella l-Espert imqabbad mill-Magistrat inkwirenti u li anke fil-kontro-ezami spjega li x-short circuit gara htija ta' hadd u kien kaz fortuwitu.

Illi ghalhekk it-Tribunal ma jaqbilx mal-argument tal-atturi li l-kawza tal-hrug kienet minhabba li l-vettura ma sarx servicing tajjeb mill-Korporazzjoni konvenuta.

**Illi jigi rilevat li fl-artikolu 1029 tal-Kodici Civili insibu:**

**"Kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha fin-nuqqas ta' dispozizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara."**

**Illi ghalhekk in vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-konferma tal-Professur Alfred Vella li l-kawza tal-incidenti kien wiehed fortwitu u ghalhekk mhux prevedebili lanqas remotament u inverosimili u ghalhekk ma jaqghax taht id-definizzjonijiejet tal-'culpa' kif trid il-ligi u gew spjegati tant tajjeb fil-kawza** Cassone v Calamatta Prim Awla deciza 29 ta' Frar, 2008 **cioe : "*Id-dottrina legali taghti dviersi definizzjonijiet tal-"culpa" Carrara (Programma, Parte Generali, Vol I para.80 jikkummenta hekk:***

***Si mutino come piace le formule ma il tripode sul quale si asside la colpa sara sempre questo (1) volontarieta' dell-atto, (2) mancata previsione dell'effetto nocivo (3) possibilita' di prevedere" u aktar l'isfer ezattament fil-paragrafu 83 dan l-awtur jirribadixxi hekk: "...la essenza della colpa sta tutta nella prevedibbilita."***

Illi ghalhekk it-Tribunal jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**